KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 62 Tnejn 9 ta' Lulju 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Joseph Gatt - Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier
Daniel Galea - Accountant

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Rachel Tua – Kunsillier

ASSENTI
Mark Micallef Costa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Rachel Tua u Mark Micallef Costa. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tas-Sinjura Tua, u talbu biex is-Sur Micallef Costa jiprovdi nota li attenda l-isptar, qabel l-ittra ta' apoloġija tkun aċċetata.

62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 61.

Korrezjoni 61.4.1 – Jinqata' paragrafu li miktub doppju.

61.3.4 – Il-Kunsillier Borg staqsa kif bqajna fuq il-Kuntratt tal-Knis. Is-Sindku nforma it-talba għal-kwotazzjonijiet b'emerġenza, li nħarġu biex jsiru ix-xogħolijiet *b'direct order,* jridu jgħaddu għal-approvazzjoni tad-DLG, kif wkoll tal-Ministru.
Is-Sindku nforma wkoll li ħa jintefaq id-doppju, pero' importanti biex jsir it-tindif meħtieġ, peress li s-servizz tal-kuntrattur kurrenti huwa għar milli-kien, peres li jaf li ħa jinħareġ *direct order* u qed jnaqqas mil-impjegati tiegħu.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 61.

- Saret sospensjoni tal-minuti biex jiġu approvati 62.5.3 Quarterly Report Jan-March 2018 u 62.5.4 Management Letter and Reply to Management.

## 62.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 62.3.1 Kommunikazzjoni – Nominazzjonijiet għal-Ġieħ il-Mosta
Is-Sindku nforma li min-għada 10 ta' Lulju se joħorġu l-applikazzjonijiet, u jibqaw miftuħin sa l-10 ta' Awwissu. Ir-Regolamenti baqaw l-istess fejn il-Kunsilliera mhumiex esklużi milli jinnominaw.

### 62.3.2 Kommunikazzjoni – Screen għal-festa
Is-Sindku nforma li ħa jitella *screen* kbir fuq il-bejt tal-Kunsill biex jiġi tramess in-nar ta' l-ajru. L-ispejjes nvoluti huma dawk tal-ħaddiema ta' madwar 500 Ewro, u għalhekk il-Kunsill ħa jiffranka l-ispejjes ta' madwar 3,000 Ewro kirja ta' l-iscreen, aparti kirja ta' krejn u spejjes oħra.

### 62.3.3 Kommunikazzjoni – Mosta Bażilika
Is-Sindku nforma li huwa viċin ħafna li l-Mosta tingħata t-titlu ta' Bażilika, il-kwistjoni hija d-data u x'rigal ħa jkollu l-poplu Mosti biex nfakkru din it-tifkira. Is-Sindku talab għal-idejat mil-membri tal-Kunsill għax jixtieq xi ħaġa differenti, u mhux it-tradizzjonali 'ideja ta' lapida.

### 62.3.4 Korrispondenza- Quotation for top of reception desk
Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjoni ta' 3,600 Ewro, tal-mastrudaxxa Joseph Grech, li ħadem diġa xogħol fir-*reception.*

### 62.3.5 Korrispondenza – E-Permit App quotation
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil-membri li qed jinħadem *software* ġdid inkluz *mobile app* għal permessi, fejn persuna jista japplika għal-permess *online* aparti li jkun xorta jista jiġi l-Kunsill. Dan qed jsir mit-TCTC u Steves & Co, u bħala proġett pilota ħa nibdew biħ aħna, u l-Kunsilli tal-Gzira, Qormi, Attard, Naxxar, Msida, Hamrun u M'Skala.
Il-proġett ħa jiswa 31,500 Ewro (eskluz VAT), pero' ħa jingħata skont lill-ewwel tmien Kunsilli li ħa jinstallaw dan is-*software*, bi prezz ta' 28,000 Ewro (eskluz VAT) diviz bejn il-Kunsilli li huma parti min dan il-proġett.

Il-membri preżenti talbu kopja ta' l-*agreement*.

## 62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 62.4.1 Skart Fort Road

Il-Kunsillier Tanti ressaq ilment fejn skart f'Fort Road mhux jinġabar.  Is-Sindku nforma li Fort Road kien hemm kazijiet fil-passat fejn hemm żewġ kantunieri partikolari fejn qed jintrema skart.  Din iż-żona parti minna hija residenzjali li taqa' taħt ir-responsabilta tal-Mosta u parti industrijali, fejn din il-parti taqa' taħt il-Malta Industrial Parks (MIP).

L-MIP tirrifjuta li tiġbor l-iskart mil-parti tat-triq li taqa' taħta għax qed tgħid li mhux responsabilta tagħha, u allura is-servizz ta' ġbir ta' skart ma jkunx provdut f'parti jew f'oħra. Allura, l-iskart qed jitniżżel fil-parti residenzjali bit-tama li jinġabru l-boroz.

Is-Sindku ta' istruzzjonijiet biex ma jinġabarx dan l-iskart li qed jitħalla, għax tant jkun hemm li tista timla trukk.  Is-Sindku tkellem mad-DLG, l-Ministru Deo Debattista, l-Onor. Alex Muscat, iċ-chair tal-MIP Damien Whitehead, u Mario Vella (ex. Direttur tal-MIP) fejn ikkonferma wkoll li hemm ftehim li l-iskart jinġabar mil-MIP.
Pero' is-Sur Whitehead mhux dejjem jonora l'*agreement,* għalkemm ġie wkoll avżat mid-DLG u mil-Kunsill, u konfermaw bi pjanta pubblika taż-żona li taqa' tal-MIP.

### 62.4.2 Parking Spaces
Il-Kunsilliera Bonnici resqet suġġeriment biex fejn il-Kappella ta' San Silvestru, peress li saru l-*bollards,* jitneħħew 3 jew 4 *parking spaces* li qegħdin fil-ġenb fid-direzjoni tal-Blata l-Għolja, biex it-traffiku jkun jista jibqa mixi, meta jkun vetturi qegħdin iduru mal-Kappella ta' San Silvestru.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex dan is-suġġeriment ngħadduħ lil Transport Malta.

### 62.4.3 Skart Triq il-Wied
Il-Kunsillier Deguara ressaq ilment li nhar ta' tnejn fir Triq il-Wied mhux jinġabar l-iskart wara l-monti.

### 62.4.4 Tindif fil-Bidnija
Il-Kunsillier Deguara ressaq ilment dwar it-tindif fil-Bidnija peress li waslet il-festa.  Is-Sindku konferma li llum stess nfurmajna lil-Kuntrattur biex jlesti sal-ġimgħa d-diehla.

### 62.4.5 Patching Triq il-Bdiewa
Il-Kunsillier Deguara ressaq ilment dwar *patching* fi Triq il-Bdiewa, ġewwa l-Bidnija.

### 62.4.6 Tindif fil-Bidnija
Il-Kunsillier Deguara ressaq ilment dwar il-bżonn ta' *doggy bins* fil-Bidnija.

### 62.4.7 Mosta Solidali
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-gazetta Mosta Solidali lesta, u qed tiġi *printed.*
Qal wkoll li waqt l-aħħar ħarġa staqsa jekk kienx hemm min ma rċevhiex il-gazetta, u min 45, tlieta biss irċievuha.

Il-Kunsillier Borg, qal li dawk li jkollom '*no junk mail'* mwaħħla mal-*letter box* mhux ħa jirċevuha.  Qal wkoll li ħabtulu żewġ *inspectors* min tal-Maltapost, biex jistaqsuħ jekk waslitlux il-gazetta Mosta Solidali u reklamar ieħor, u nfurmawħ li fit-triq tiegħu hu biss ma rċevijiex.

Is-Sindku nforma li l-Kunsillier Deguara u l-Viċi Sindku Cassar joqgħodu fl-istess triq, u wieħed irċevija u l-ieħor le.

62.4.8 Ħarġa
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-ħarġa li jmiss ħa tkun filgħaxija fit-19 ta' Lulju ġewwa Marsaxlokk.

62.4.9 Skart Triq il-Kultellazz
Il-Kunsillier Sammut ressaq ilment li l-iskart li hemm fi Triq il-Kultellazz, fid-dawra fejn hemm il garaxxijiet, mhux jinġabar.

62.4.10 Twinning
Il-Kunsillier Busuttil nforma li tkellem mal-MEUSAC fuq proġett ta' ġemellaġġ Europe for Citizens, li qed jagħtu fondi biex jiġi organizzat *event* ma post ieħor fl-Ewropa li diġa għandna ġemellaġġ miegħu, u li t-tnejn jkollhom interess komuni.

Fil-każ tal-Mosta dan l-*event* jista jsir ma Ragusa, fejn jew tmur delegazzjoni min Malta ġewwa Ragusa, jew tiġi delegazjoni min Ragusa. Id-delegazjoni trid tkun magħmula bejn 25 u 40 persuna jew 40 u 55 persuna. Jekk delegazzjoni tkun bejn 25 u 40 persuna, l'*allowance* tkun ta' 5,000 Ewro, u bejn 40 u 55 persuna, l'*allowance* tkun ta' 7,500 Ewro.

Il-Kunsilliera preżenti qablu li dan il-fond żgur mhux biżżejjed u forsi tkopri il-vjaġġ bl-arju għal 25 persuna. Il-Kunsillier Busuttil spjega li nistaw naqsmu l-ispejjes tal-fondi li jifdal, jew il-Co Financing Fund tal-Gvern qiegħed jgħati *soft reassurance* għax jrid li dawn il-proġetti jsiru pero' m'hemx garanzija li l-Gvern ser joħroġ iktar fondi jew jagħmel tajjeb għal-proġetti.

Is-Sindku talab lil Kunsillier Busuttil biex jitkellem mal-Profs. George Cassar għax għandu ħafna kuntatti biex naraw x'jista jsir. Ma Ragusa nistaw naħdmu fuq proġett in-komuni, huwa li hija Bażilika u l-Mosta ħa tkun Bażilika wkoll, għalhekk nkunu nistaw niċċelebraw flimkien u nkunu qed nolqtu kultura u tradizzjonijiet.

Is-Sindku talab lil Kunsillier Busuttil biex jaħdem fuqa, u jipprova għal-*target date* 16 ta' Settembru.

62.4.11 Dean Farrugia
Il-Kunsillier Borg nforma li ż-żagħżugħ Mosti Dean Farrugia rebaħ il-Motor Outdoor Cross. Is-Sindku talab biex jibgħatlu d-dettalji.

62.4.12 Triq il-Kulleġġ u Triq Ponsomby
Il-Kunsillier Borg qal li fi Triq il-Kulleġġ kantuniera ma Triq Ponsomby jkun hemm min joħroġ il-borża s-sewda wara l-ħin tal-ġbir, jew l-Ħadd, jew filgħaxija. Staqsa jekk jistax jsir xi tip ta' *enforcement.* Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Pulizija u/jew l-LESA jistaw jieħdu passi biex jsir infurzar jekk jinqabdu fil-fatt. Min naħa tal-Kunsill nistaw nibgħatu ittra.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat ittri lir-residenti ta' din it-triq fuq il-ħinijiet u l-ġranet ta' ġbir ta' skart.

62.5 Rapporti

62.5.1 Update - Applikazzjoni Interna għall-post ta' Skrivan/a Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li l-applikazzjoni ta' post ta' skrivan ħarġet interna bejn il-Kunsill tagħna, Kunsilli Lokali u Regjuni, u tagħlaq nhar l-Erbgha 11 ta' Lulju f'nofsinhar. Jekk ma japplika ħadt irridu nibgħatu lil Jobs Plus biex jibgħatulna lista ta' applikanti.

### 62.5.2 Nuqqas ta attendenza mill-laqgħat tal-Kunsill

Is-Sindku nforma lil-membri preżenti li l'ammonti fuq ċ-ċekkijiet jirriflettu l-attendenza tal-Kunsilliera.

### 62.5.3 Quarterly Report Jan-March 2018

L'accountant Daniel Galea spjega l-*quarterly report* lil-membri preżenti fejn ta' rendikont ta' l-ewwel tlett xhur tas-sena 2018.
Il-Kunsill fil-preparamenti tal-*budget* ipjana li jispiċċa is-sena bi *plus* 206,000 Ewro, u għal l-ewwel tlett xhur tas-sena il-Kunsill qiegħed bi *plus* 30,000 Ewro, fejn dan jista jvarja peress li għadna fil-bidu tas-sena.

- Dħul ta' permessi 14,000 Ewro, mqabbel ma *budget* ta' 50,000 Ewro.
- Spejjes ta' pagi l-Kunsill nefaq 42,426 Ewro, mqabbel ma *budget* ta' 204,078 Ewro.
- *Operations and maintenance* il-Kunsill nefaq 207,314 Ewro, mqabbel ma *budget* ta' 712,900 Ewro.
- *Repairs and upkeep* il-Kunsill nefaq 37,000 Ewro, mqabbel ma *budget* ta' 110,000 Ewro.
- *Street Lighting* fl-ewwel tlett xhur tas-sena kien hemm nefqa ta' 11,211 Ewro, fejn il *budget* għas-sena huwa ta' 20,000 Ewro. Is-Sindku nforma li dan l-ammont huwa minħabba *back lock* ta' xogħlijiet li kienu għadhom ma sarux.
- Spejjes ta' *hospitality* għandna *budget* ta' 32,000 Ewro, u s'issa itefqet is-somma ta' 4,000 Ewro.
- Amministrazjoni għandna *budget* ta' 57,019 Ewro, fejn s'issa ntefqu 16,433 Ewro.
- *Depreciation* min 265,000 Ewro qiegħed 30,000 Ewro.
- *Statement of Financial Position:* dan huwa rapport ta' kemm ilu jeżisti l-Kunsill sa dawn l-aħħar tlett xhur. *Fixed Assets* tal-Kunsill huma ta' 1.688,892 Ewro.
- L-FSI qed turi *plus* 22%. L-*accountant* nforma lil membri preżenti li dawn huma il-*quarterly accounts*, u għalekk jkun għad hemm pagamenti, *invoices* etċ li għadhom ma waslux jew tħallsu, u għalhekk matul is-sena l-FSI jiċċaqlaq xi naqra, pero' t-*trend* li l-Kunsill jkompli għadej bi *plus* tidher li ħa tibqa.

Fis-7:30 daħal għal-laqgħa l-Viċi Sindku James Cassar.

### 62.5.4 Management Letter and Reply to Management

L-*accountant* Daniel Galea ta' spjegazzjoni dwar il-*management letter,* fejn l-awdituri jikkumentaw fuq affarijiet li jista jkun ma jaqblux magħhom u punti oħrajn fejn il-Kunsill għad fadallu jindirrizza u oħrajn li diġa ġew indirizzati.

Il-Kunsill huwa obbligajt li jibgħat ir-risposti tiegħu fiż-żmien sitt ġimgħat lil l-NAO, min meta jirċievi l-ittra. Koppja ta' l-ittra ingħatat lil-membri preżenti.

### 62.5.5 Mistoqsijiet mil-membri preżenti dwar 62.5.3 u 62.5.4

Il-Kunsillier Borg staqsa dwar varjanza ta' miljun fejn il-*current assets* fil-*quarterly report* huma ta' 1.6 miljun, u fil-*financial statements as at 31st December 2017* dawn huma 2.6 miljuni. L-*accountant* spjega li *in-line* mad-direttiva numru 1, qabel kellna *deferred income* li kien bħala

*liability.* Min Jannar 2018, dak sar *capital approach* u ħa jitnaqqas mil-valur tal-*fixed assets.* Fil-fatt l-aħħar paġna tal-*quarterly report* għandna żieda fil-*grants* taħt il-*fixed assets* ta' kwazi miljun.

Il-Kunsillier Borg staqsa dwar il-*prepayments and accrued income fejn* qiegħed 133,900 Ewro u kumparat mal-*budget* hemm qabża notevoli. L-*accountant* spjega li l-qabża l-kbira qegħda fl-ammont li d-DLG qed jħallas lil Wasteserv għat-*tipping fees extra.* Dawn l-ammonti jittilaw għal-ċirka 100,000 Ewro fis-sena.

Il-Kunsillier Borg staqsa dwar ir-*report to Management* 10.3 u r-risposta tal-Kunsill, li għalkemm fir-realta ma tgħamilx differenza, forsi għal-darb oħra nkunu nistaw inżidu ftit dettal fir-risposta dwar l-*items* msemijja.
L-*accountant* informa li m'hemx *rent* fl'*Operations and Maintenance* għax bħala *template*, ir-*rent* hija *administration expenses.* Fil-*quarterly* wieħed jagħmel distinzjoni bejn *rent* ta' *administration* u *rent* fl'*Operations and Maintenance,* u dak huwa il-kuntest tar-risposta tagħna.

Fis-7:50 daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera Angele Rapa.

Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar l-FS4 tal-Kunsilliera rigward it-taxxa li trid titħallas. L-*accountant* spjega li l-FS4 hija fejn Kunsillier jgħati istruzzjonijiet lil-Kunsill ta' kemm jixtieq li tkun ir-rata ta' taxxa biex tinqata' t-taxxa. Bħala Kunsilliera l-prassi hija ta' 20% *provisional*, għax l-*allowance* tal-Kunsilliera m'hijiex meqjusa bħala xogħol, għalhekk il-Kunsilliera bil-liġi m'għandomx dritt jkollom 15% *final witholding tax.*

L-*accountant* spjega lil-membri preżenti li huma jistaw wkoll japplikaw biex jiddikjaraw spejjes relatat max-xogħol tal-Kunsill, u titnaqqas it-taxxa mad-dikjarazjoni.

Fis-7:55 l-*accountant* Daniel Galea ħareġ mil-laqgħa.

### 62.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

#### 62.6.1 Skeda ta' pagamenti
L-iskeda ta' pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

#### 62.6.2 Purchase Orders
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

#### 62.6.3 Works Orders
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

#### 62.6.4 Petty Cash
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

### 62.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-31 ta' Lulju 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 9 ta’ Lulju 2018.

<u>IFFIRMATI</u>
Keith Cassar
Sindku

<u>IFFIRMATI</u>
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv